# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI
**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D**

**Illum, tmienja w ghoxrin (28) ta' Dicembru, 2001.**

**Rikors Nru: 24/2001 VDG**

**Fatiha Khallouf**

**v.**

**(1) Il-Kummissarju tal-Pulizija,**
**(2) l-Avukat Generali u**
**(3) l-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali ghal kull interess li jista' jkollu.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat minn Fatiha Khallouf fl-10 ta' Ottubru, 2001 li jghid hekk:

Illi fis-6 ta' April 2001 inhareg mandat ta' arrest provizorju mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti a tenur ta' l-Artikolu 14(1)(b) ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz ta' rapport ta' l-Ispettur Sandro Zarb (datat 12 ta' April 2001) l-esponenti tressqet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.

Illi fl-20 ta' April 2001 l-intimat Ministru tal-Gustizzja hareg fil-konfront ta' l-esponenti Awtorita` ghall-Procediment skond l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni u li permezz tieghu ghamel talba sabiex l-esponenti titregga lura fl-Italja peress li din tinsab akkuzata b'reati kontinwati kontra l-ligijiet dwar l-immigrazzjoni klandestina.

Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fil-11 ta' Gunju 2001, il-Qorti ordnat li l-esponenti tintbaghat taht kustodja biex titregga' lura lejn l-Italja sabiex tirrispondi "**ghat-tieni akkuza lilha addebitata cjoe' li kienet responsabbli ghal dhul illegali ta' klandestini fl-Italja, f'Donnalucata (RG), fit-12 ta' Settembru 2000 u Marina di Ragusa (RG) fis-17 ta' Dicembru 2000 bi ksur tal-Artikolu 12 tad-Dir.No/286 tal-25 ta' Lulju 1998 kif emendat**".

Illi l-esponenti ntovalat appell minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti ta' L-Appell Kriminali.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2001, il-Qorti cahdet l-appell intavolat mill-esponenti u kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti li tibghat lill-esponenti taht kustodja ghal fini ta' treggigh lura lejn l-Italja.

1. Illi wara li l-appell kien gie trattat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-kaz gie differit ghas-sentenza, l-intimat Avukat Generali pprezenta nota annessa ma' liema kien hemm Awtorita` ghall-Procediment Agguntiva mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali datata 21 ta' Awissu 2001, li permezz taghha, wara li ppremetta li l-Gvern tar-repubblika ta' l-Italja, pajjiz barrani specifikat ghall-finijiet ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 276, kien ghamel talba biex l-esponenti titregga lura l-Italja fuq komplicita` f'reati kontinwati kontra l-ligijiet dwar l-immigrazzjoni klandestina.

Illi l-esponenti oggezzjonat ghal prezentata ta' dawk il-provi godda f'dak l-istadju meta l-proceduri kienu diga` differiti ghas-sentenza.

Illi huwa minnu li l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 276 jipprovdi li: *"Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Generali, skond il-kaz, ikun jista' kif ukoll tkun tista' l-persuna li t-treggigh lura taghha ikun qed jigi mitlub, tipproduci provi quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wkoll jekk dawk il-provi ma jkunux ingiebu quddiem il-qorti rimandanti".* B'daqshekk ma jfissirx li ghandhom jithallew jitressqu provi anke wara li l-kaz gie differit ghad-decizjoni. L-appell gie trattat u l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddiferiet il-kaz ghas-sentenza.

Illi madankollu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru 2001, iddikjarat li tali prova hija ammissibbli skond l-Att dwar l-Estradizzjoni.

Illi l-esponenti qatt ma nghatat l-opportunita` sabiex tirribatti tali prova u m'huwiex bizzejjed li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddikjarat li d-dokument in kwistjoni *"ma ttiehedtx in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fid-deliberazzjoni taghha ta' dan l-appell fil-meritu"*. Gialadarba tali prova giet ammessa mill-Qorti fi stadju hekk avanzat tal-proceduri meta l-kaz kien diga' gie differit ghas-sentenza, l-esponenti kellha tinghata opportunita` sabiex tirribattiha u dan fost'konsiderazzjonijiet ohra b'applikazzjonijiet ohra b'applikazzjoni tal-principju ta' *"equality of arms"*.

2. Illi l-Qorti ta' l-Appell ddikjarat li *"mix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti Rimandanti fit-30 ta' April 2001, mill-ispettur Giuseppe Magnani, jidher, fuq bazi ta' prima facie, li l-appellanti kienet ukoll involuta fid-dhul ta' klandestini f'Donnalucata (RG) u f'Marina di Ragusa fit-12 ta'Settembru 2000 u fis-17 ta' Dicembru 2000 rispettivament".*

Illi huwa fatt ikkontestat u huwa principju elementari tad-dritt penali nostrali li x-xhieda ghandhom ikunu fattwali fid-deposizzjonijiet taghhom. Ghandu valur probatorju biss dak

li x-xhieda jkunu wasslu ghalihom di xjenza propria, u mhux *"tramite deduzzjonijiet, interpretazzjonijiet u konkluzjonijiet jew verifiki. Dawn ta' l-ahhar m'ghandhom l-ebda valur"* (ara f'dan is-sens id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fil-kaz ta' estradizzjoni fl-ismijiet **IL-PULIZIJA vs RONALD AGIUS** tad-29 ta' Mejju 2001). Ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Magnani fl-ebda parti taghha ma taghmel riferenza ghad-dhul ta' klandestini f'Donnalucata (RG) u f'Marina di Ragusa fit-12 ta' Settembru 2000 u fis-17 ta' dicembru 2000. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-permess din ix-xhieda mhi xejn ghajr *"hearsay evidence"* li m'hijiex koroborrata minn provi ohra jew minn xi ammissjoni da parti ta' l-esponenti u ghalhekk ma kellha tinghata ebda rilevanza mill-Qorti.

3. Illi fir-raba' aggravju tar-rikors ta' l-appell taghha l-esponenti kienet qeghda tikkontesta l-valur probatorju tat-traskrizzjonijiet li saret permezz tat-telefon, u dan stante li mill-atti ma rrizultax li huma awtentikati kif jipprovdi l-Artiklu 22 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni. Dwar dan l-aggravju l-Qorti ta' l-appell Kriminali sempliciment iddikjarat li *"din hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi w din il-Qorti ma ssib ebda raguni jew motiv ghaliex ghandha tiddisturba dak li ghamlet il-Qorti Rimandanti f'dan ir-rigward"*. B'kull rispett lejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, permezz ta' dan l-aggravju l-esponenti kienet qeghda tikkontesta l-ammissibilita` ta' dawk it-traskrizzjonijiet bhala prova stante li ma saritx il-prova li jitlob l-Artikolu 22 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni. M'hijiex ghalhekk kwistjoni ta' apprezzament ta' provi. L-esponenti ghaldaqstant tikkontendi li l-Qprti ta' l-Appell Kriminali naqset milli tikkunsidra dana l-aggravju u milli taghti decizjoni ragunata dwar l-istess. L-esponenti tikkontendi li f'dawn il-proceduri gew ikkunsidrati provi li m'ghandhom ebda valur stante li m'humiex ammissibli bhala prova.

4. Illi mid-dokumenti li gew ezebiti fil-kors tal-proceduri ghat-tenur ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) irrizulta li hekk kif tasal l-Italja l-esponenti mhux ser ikollha d-dritt u/jew tinghat l-fakolta` li tikkomunika ma' avukat difensur ta' l-ghazla taghha sakemm tigi nterrogata u tkompli l-indagini mill-awtoritajiet Taljani (ara f'dan ir-rigward l-*Ordinanza di Custodia Cautelare In Carcere e di Arresti Domiciliari* mahruga mill-Qorti ta' Ragusa).

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, gewwa l-Italja l-esponenti nghatat pubblicita` avversa b'tali mod li l-mezzi tal-media diga` ghaddew gudizzju fuq il-htija ta' l-esponenti, u dan qabel ma bdew il-proceduri gudizzjarji fil-konfront taghha (**Dok.FK1**). F'dan l-ambjent l-esponenti ma jistax jigi garantit lilha li ser tinghata smigh xieraq.

6. Illi inoltre, l-esponenti hija omm ta' tarbija u fl-eventwalita` li ssehh l-estradizzjoni taghha hija ser tigi soggetta ghal trattament inuman u degredenti (Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja) kif ukoll ser jigi lez id-dritt ghall-hajja privata u [tal-] familja (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja), u dan peress li ser issehh is-separazzjoni bejnha u l-minuri.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq premessi, fl-atti ta' estradizzjoni fl-ismijiet **IL-PULIZIJA vs FATIHA KHALLOUF** (APPELL Numru 118/2001) u deciza mill-Qorti ta' l-Appell [Kriminali] fil-25 ta' Settembru 2001, l-esponenti ma nghatatx

smiegh xieraq ghat-tenur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

2. Tiddikjara li f'kaz li l-esponenti tigi estradita lejn l-Italja, ser jigi lez id-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll ser tigi soggetta ghal trattament inuman u degradanti (Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja) u ser jigi lez id-dritt ghat-tgawdija tal-hajja privata u familja (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja) taghha.

3. Tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza fuq imsemmija in kwantu ordnat li l-esponenti tigi mibghuta biex titpogga taht kustodja ghall-fini ta' treggigh lura lejn l-Italja u thassar l-ordni ghall-prodediment mahruga mill-intimat Ministru ghall-gustizzja u Gvern Lokali u tordna l-helsien mill-arrest ta' l-esponenti, u taghti kull rimedju iehor li jidhrilha opportun.

Rat ir-risposta tal-intimati, minnhom presentata fil-15 ta' Ottubru, 2001, li tghid hekk :

1. Dwar il-lanzjana tar-rikorrenti li ma inghatatx smigh xieraq fil-Qorti tal-Appell Kriminali ghaliex dik il-Qorti halliet jitressqu provi anke wara li l-kaz gie differit ghad-decizjoni, l-istess rikorrenti ma hiex preciza meta tallega li ma kellha ebda opportunita` sabiex tirribatti tali provi, u dana ghaliex minkejja li l-kawza kienet ga differita ghas-sentenza, hija setghet f'kull hin u mument skond il-ligi titlob lil dik il-Qorti sabiex tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza u tirribatti u/jew titratta dwar dawk l-istess provi godda ammessi milll-Qorti. Barra minn hekk il-fatt manifest u dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u cioe` li fid-deliberazzjoni taghha tal-appell fil-mertu skartat dawk l-istess provi godda ammessi, jirrendi aktar bla bazi legali u fattwalment infondata il-lanzjana tar-rikorrenti minn dan l-aspett. Il-fatti u provi attinenti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienu tali li jemergu fl-isfond car ta' smigh xieraq u ekwu ghaz-zewg partijiet.

2. Dwar il-lanzjani avanzati mir-rikorrenti fil-paragrafi numri 3 u 4 tar-rikors promotur, dawn manifestament jistghu facilment jigu ikkunsidrati bhala li jikkostitwixxu forma ta' appell fil-mertu mill-konsiderazzjonijiet u decizjoni li waslet ghalihom il-Qorti tal-Appel Kriminali. Certament, tali lanzjani b'ebda mod, direttament jew indirettament, ma jippartecipaw f'xi kwistjoni jew ilment ta' indoli kostituzzjonali, u ghandhom jigu respinti minn din l-onorabbli Qorti bhala li lanqas biss jisthoqilhom xi konsiderazzjoni.

3. Dwar il-lanzjana migjuba fil-paragrafu numru 4, wara li l-esponenti jipprecizaw u jirrilevaw li hawnhekk ma ghandna ebda proceduri kontra akkuzat, jirrilevaw ukoll tali lanzjana, jekk fattwalment tassew tirrizulta, ma tista' qatt skond il-ligi taghna tikkostitwixxi xi bazi legali sabiex tigi avanzata tali kwistjoni kostituzzjonali. Semmai, tali lanzjana tkun trid tigi promossa jekk u meta tali sitwazzjoni tavvera ruhha u fil-gurisdizzjoni ta' fejn dik is-sitwazzjoni issehh. Fi kwalunkwe kaz, tali lanzjana b'ebda mod ma tikkonfigura f'xi wahda mir-ragunijiet u ostakoli ghal estradizzjoni espressament imsemmija mil-ligi taghna (Kap.276) fl-artikoli 5 u 10 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni, jew fl-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni taghna.

4. Dak kollu li ghadu kemm gie rilevat fil-paragrafu precedenti mill-esponenti, japplika mutatis mutandis ghal-lanjanza l-ohra migjuba mir-rikorrenti fil-paragrafu numru 5 tar-rikors promotur.

5. Il-lanjanza tar-rikorrenti li fl-eventwalita` li issehh l-estradizzjoni taghha hija ser tigi soggetta ghal trattament inuman u degradanti, ma issib ebda sostenn minimu fattwali b'mod li hija nieqsa minn xi bazi legali. Ghalhekk, tibqa semplicement allegazzjoni fiergha u frivola intiza sabiex ittawal inultiment il-procedura legali in corso tal-estradizzjoni. Inoltre, jekk u meta tali sitwazzjoni tavvera ruhha, ghal darb'ohra, ir-rikorrenti tkun trid tadixxi qorti ohra f'gurisdizzjoni li certamnet qatt ma tista' tkun ta' kompetenza tal-qrati lokali.

6. Jekk, finalment, is-separazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-minuri, li ghaliha taghmel riferenza ir-rikorrenti, hija sempliciment konsegwenza naturali, logika u legali tal-procedura tal-estradizzjoni tar-rikorrenti, dina qatt ma tista' tikkostitwixxi xi bazi legali sabiex iggib il-quddiem din il-lanjanza fuq livell ta' natura legali kostituzzjonali; altrimenti meta jkun hemm lok ghal tali separazzjoni, bhala konsegwenza naturali, logika u legali, dik l-eventwalita` tikkostitwixxi dejjem ostaklu u impediment ghat-tehid ta' proceduri ta' estradizzjoni, haga li ovvjament u manifestament qatt ma ried jew b'xi mod ikkontempla il-legislatur taghna.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponenti umilment itennu li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kollha respinti bhala infondati fil-fatt u/jew fid-dritt, anke peress li jirrasentaw il-fieragh u vessatorjeta`, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi – senjatament id-deposizzjoni tar-rikorrenti moghtija fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2001 – u lid-difensuri tal-partijiet; rat ukoll l-atti tal-kawza quddiem il-Qorti Rimandnati u s-sentenza ta' dik il-qorti tal-11 ta' Gunju, 2001 (li tinsab a fol. 78 sa 84 fl-ewwel volum tal-attijiet tal-Qorti Rimandanti); ikkunsidrat:

1. Qabel xejn din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel certi precisazzjonijiet. Mid-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta' Gunju, 2001 saru zewg appelli: dak ta' l-Avukat Generali (Appell Numru 117/2001) u dak ta' Fatiha Khallouf (Appell Numru 118/2001). Dawn iz-zewg appelli gew decizi, permezz ta' <u>zewg sentenzi separati</u>, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali <u>fl-istess gurnata</u>, u cioe` fil-25 ta' Settembru, 2001. Fl-Appell Numru 117/2001, l-appell interpost mill-Avukat Generali gie michud, u fis-sentenza taghha f'dana l-appell il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlitha cara li kienet qed tikkonferma d-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti "<u>limitatament</u> in kwantu dik il-Qorti kienet cahdet it-talba sabiex tordna l-hrug ta' Ordni ta' Kustodja kontra Fatiha Khallouf ghall-fini tat-treggigh taghha lura lejn l-Italja b'riferenza ghall-ewwel akkuza mahruga kontriha mill-awtoritajiet Taljani" (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Prim' Awla). Dwar din id-decizzjoni <u>moghtija fl-Appell Numru 117/2001 ma hemm ebda lment da parti tar-rikorrenti odjerna</u>. Hi qed tilmenta mill-proceduri u mis-sentenza, u mill-konsegwenzi tas-sentenza, tal-Qorti ta' l-Appell Krminali <u>moghtija fl-Appell Numru 118/2001</u>, u cioe` fuq l-appell interpost minnha mis-sentenza tal-Qorti Rimandanti.

2. Ghandu jigi precisat ukoll li fir-risposta taghhom l-intimati ma huma jqajjmu ebda kwistjoni dwar jekk xi whud minnhom humiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza. Anqas ma huma b'xi mod jeccepixxu fl-imsemmija risposta li r-rekwizit ta' smigh xieraq skond l-Artukolu 39 tal-Kostituzzjoni u skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghal proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qorti Rimandanti (ghalkemm ghandu jinghad li fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-abbili difensur tal-intimati, Dott. Lawrence Quintano, accenna ghall-fatt li, skond hu, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghall-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti); effettivament l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward, u li din il-Qorti taqbel perfettament mieghu, huwa car, u cioe` li dana r-rekwizit japplika ghall-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti (ara ***Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Gustizzja et.*** Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991[1]; ***Ronald Agius v. Avukat Generali et.*** Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Novembru, 2001).

3. Kwantu ghall-meritu tar-rikors odjern, din il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel l-ilment sollevat fil-paragrafu 3 tal-istess rikors, u qed taghmel hekk ghar-raguni li din il-lanjanza tinvolvi konsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghal lanjanzi ohra. F'dana l-paragrafu – riprodott aktar 'l fuq f'dina s-sentenza – r-rikorrenti bazikament qed tallega li l-aggravju sollevat minnha quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-inammissibilita` tal-provi dokumentarji gie skartat minn dik il-Qorti. L-intimati jikkontendu, kemm fis-risposta taghhom (ara l-paragrafu 2 tar-risposta, aktar 'l fuq f'din is-sentenza) kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, li din il-Qorti – cioe` il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali – m'ghandhiex il-funzjoni ta' "a court of third instance", fis-sens li terga' tirrevedi l-meritu tal-kawza ga deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

4. L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell f'xi grad oghla mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddecidi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminati minn dik il-qorti u finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi d-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt ta' natura strettament penali (bhlama hi, per ezempju, il-kwistjoni ta' l-ammissibilita` o meno ta' certi provi). Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll, kieku kien il-kaz, jekk hemmx lezjoni tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 – ara l-Artikolu 16 tal-imsemmi Kap. 276). Kwantu ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit ta' smigh xieraq, hi ormai gurisprudenza pacifika li biex jigi detrminat jekk f'kaz partikolari kienx hemm jew le dan ir-rekwizit, wiehed ghandu, bhala regola,

[1] Deciza finalment fit-22 ta' April, 1991.

jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita` taghhom (ara, fost decizzjonijiet ohra, ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru et.*** Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Awissu, 1998.) Kif jispjegaw l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (Butterworths (London) 1995),

"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (p. 202).

U fl-istess vena, van Dijk u van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw il-punt hekk:

"When is a hearing "fair"? In the *Kraska* Case[2] the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, *inter alia*: **"…to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."** However, the Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects *per se* may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ." (pp. 428-429).

5. Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq".

6. Il-ligi taghna ta' l-estradizzjoni – il-Kap. 276 – filwaqt li tekwipara kemm jista' jkun il-Qorti Rimandanti mal-Qorti Istruttorja (ara l-Artikolu 15(1) tal-imsemmi Kapitolu), tippermetti, bhalma jippermettu l-ligijiet f'diversi gurisdizzjonijiet ohra, li l-provi li jingiebu in sostenn ta' talba ghall-estradizzjoni fi proceduri gudizzjarji jkunu provi fil-forma ta' dokumenti. In fatti fi proceduri ta' estradizzjoni jista' jaghti l-kaz li, ghajr ghar-rapport guramentat tal-ufficjal prosekutur li hu mehtieg biex jigi sodisfatt il-vot ta' l-ewwel parti tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 390 tal-Kodici Kriminali, ma jkun hemm anqas xhud wiehed li jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti Rimandanti: il-provi in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni jistghu jkunu kollha fil-forma ta'

[2] Kawza deciza fid-19 ta' April, 1993.

dokumenti, inkluzi dokumenti li jikkontjenu d-deposizzjonijiet ta' xhieda moghtija barra minn Malta. In fatti s-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 276 jipprovdu ghal eccezzjoni ghar-regola li quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta (u ma hemmx dubbju li l-Qorti Rimandanti hija tali qorti, ghalkemm mhix imsejjha biex "tiggudika" dwar xi reat izda biss biex tara jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partkolari tintlaqa'[3]) ix-xhieda jixhdu jew *viva voce* quddiem il-qorti li tkun jew, jekk dawna jixhdu barra minn Malta, dan isir wara li tkun giet segwita l-procedura ghall-hrug ta' ittri rogatorjali[4]; kif ukoll ghal eccezzjoni ghar-regola dwar l-ammissibilita` bhala prova tal-kontenut ta' dokumenti ohra. Is-subratikolu (2) in partikolari jispecifika kif tali dokumenti, inkluzi dokumenti li jikkontjenu deposizzjonijiet, ghandhom jigu awtentikati biex ikunu jistghu jigu ammessi bhala prova fi proceduri ta' estradizzjoni. Fin-nuqqas ta' tali awtentikazzjoni tali dokumenti ma humiex ammissibbli bhala prova kemm-il darba ma jkunx hemm xi qbil dwarhom jew accettazzjoni taghhom bhala prova da parti tal-persuna li l-estradizzoni taghha tkun qed tigi mitluba.

7. Quddiem il-Qorti Rimandanti, il-provi migjuba in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni kienu bazikament jikkonsistu f'kopja ta' l-atti tal-process tal-proceduri ghall-estradizzjoni ta' zewg persuni ohra, u cioe` Raymond Gauci u Anthony Bartolo (ara t-tieni u t-tielet volum tal-atti kontra Fatiha Khallouf, fol. 87 sa 474). Kien hemm ukoll xi xhieda ohra, bhal per ezempju l-Ispettur Sandro Zarb (fol. 38 u 74), l-ufficjali tal-pulizija li kienu xhieda tad-diversi stqarrijiet ta' Fatiha Khallouf, u s-Sur Eric Cachia (mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin) (fol. 73), li pero` dak li qalu dawn ix-xhieda ftit li xejn jidher li seta' kellu relevanza ghall-fini tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 15 tal-Kap. 276, jigifieri ghall-fini tad-determinazzjoni ta' jekk hemmx kaz *prima facie* fir-rigward ta' xi wiehed jew aktar mir-reati indikati fl-Awtorita` ghal Procediment. Il-fatt li l-avukati difensuri ta' Fatiha Khallouf qablu, quddiem il-Qorti Rimandanti (ara l-verbali tal-4 ta' Mejju, 2001, fol. 36, u tat-28 ta' Mejju, 2001, fol. 65) li l-kopja tal-process ta' Gauci u Bartolo li kienet qed tigi ezibita kienet kopja awtentika, ossia vera, tal-original tal-process, ma jammontax ghal xi dikjarazzjoni dwar l-awtentikazzjoni tad-dokumenti ghall-fini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 276. Pero`, imbghad, il-verbal tal-4 ta' Mejju, 2001 ikompli jghid hekk: **"Lanqas id-difiza ma ssib oggezzjoni li l-istess dokumenti u atti jkunu formanti parti bhala prova f'dawn il-proceduri"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Din id-dikjarazzjoni, li ma giet kontestata jew kwalifikata f'ebda stadju quddiem il-Qorti Rimandanti, ma tistax tiftiehem ghajr li d-difiza kienet qed taccetta bhala prova – u allura necessarjament bhala prova ammissibbli – il-kopja tad-dokumenti li kienu qed jigu ezibiti mill-prosekuzzjoni u li kienu jinkludu wkoll kopja tad-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet Taljani (id-

[3] Ara d-decizzjoni preliminari tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-23 ta' Lulju, 2001 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Ronald Agius***.
[4] Hemm xi eccezzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, d-deposizzjonijiet ta' tobba u kirurgi dentali, kappillani u nutara, u nies morda jew imdahhla fiz-zmien – Artikoli 646 u 647 tal-Kodici Kriminali.

dokumenti kontenuti principalment fit-tielet volum u xi ftit minnhom anke fit-tieni volum). Dawn id-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet Taljani kienu jinkludu t-traskrizzjonijiet ta' intercettazzjonijiet telefonici. Meta, ghalhekk, Fatiha Khallouf ressqet bhala r-raba' aggravju taghha fir-rikors ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-ilment li t-traskrizzjonijiet telefonici, jew ahjar id-dokumenti kontenenti dawn it-traskrizzjonijiet, ma kienux ammissibbli ghax mhux awtentikati skond l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kap. 276 hija kienet effettivament qed tmur lura fuq verbal, minnha stess registrat, li kien jghid bil-kontra. Kif inghad, il-korrettezza ta' dana l-verbal qatt ma giet kontestata. Kienet korretta, ghalhekk, il-Qorti ta' l-Appell Krminali li, bhall-Qorti Rmandanti, ikkunsidrat dana l-aggravju fil-kuntest mhux ta' eccezzjoni ta' ammissibilita` ta' provi izda fil-kwadru ta' jekk kienx hemm o meno provi *prima facie* ghall-finijiet tal-Artikolu 15(3)(a) tal-Kap. 276. Ghall-motivi premessi, u anke fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Dicembru, 2000 fl-ismijiet ***Gordon Agius v. Avukat Generali***, din il-Qorti tara li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tar-rekwizit ta' smigh xieraq bil-mod kif il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddisponiet minn dak l-aggravju, u konsegwentement il-lanjanza fil-paragrafu numru 3 tar-rikors odjern qed tigi respinta.

8. Din il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-lanjanzi l-ohra tar-rikorrenti *seriatim.* Il-lanjanza kontenuta fil-paragrafu bin-numru 1 hi, bazikament, ukoll wahda dwar nuqqas ta' smigh xieraq u dan peress li, skond ir-rikorrenti, hi ma nghatatx l-opportunita` li tirribatti, presumibbilment permezz ta' provi, l-Awtorita` ghal Procediment Agguntiva ezibita mill-Avukat Generali fit-22 ta' Awissu, 2001 u cioe` wara li l-appell interpost minnha (Appell Numru 118/2001) kien diga thalla ghas-sentenza. Din l-Awtorita` ghal Procediment Agguntiva hi differenti minn dik li tinsab a fol. 34 ta' l-atti in kwantu, ghal dak li jirrigwarda r-reat indikat fil-partita numru 2 ta' l-iskeda, hemm differenza fid-dati: fl-Awtorita` ghal Procediment originali (fol. 34 u 35) il-post u data tar-reati huma **"l-Italja, f'Donnalucata (RG) fit-12 ta' Settembru, 2000 u Marina di Ragusa (RG) fis-17 ta' Dicembru, 2000"** mentri f'dik agguntiva jinghad **"fl-Italja f'Donnalucata (RG) fl-10 ta' Novembru 2000 u l-14 ta' Novembru 2000"**. Ghalkemm hemm hafna x'wiehed jista' jghid fil-kuntest tal-Kap. 276 dwar ir-regolarita` u anke l-ammissibilita` ta' tali dokument fl-istadju ta' appell – dana d-dokument, wara kollox, ma hux "prova" fil-veru sens tal-kelma, izda biss pre-rekwizit formali sabiex ikunu jistghu jinbdew il-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti – il-fatt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali injorat l-Awtorita` ghal Procediment Agguntiva ghall-fini tad-deliberazzjoni taghha dwar jekk kienx hemm provi *prima facie* ghall-fini tal-Artikolu 15(3)(a) tal-Kap. 276 ifisser li r-rikorrenti (appellanti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) b'ebda mod ma setghet giet pregudikata fid-dritt taghha ghal smigh xieraq. In fatti il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet testwalment hekk fis-sentenza taghha: **"In vista ta' dan li ntqal, jidher car, ghalhekk, li l-Qorti ma tat ebda importanza jew relevanza ghall-Awtorita` Ghall-Procediment <u>Aggjuntiva</u> tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali tal-21 ta' Awissu, 2001, prezentata b'nota ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Awissu, 2001 (Dok B). Dan id-dokument hu**

**prova ammissibbli, li, pero`, fic-cirkostanzi tal-kaz ma ttiehedx in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fid-deliberazzjoni taghha ta' dana l-appell fil-meritu".** Jinghad ukoll li meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet l-appell tar-rikorrenti Fatiha Khallouf, hija effettivament ikkonfermat id-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti, liema decizzjoni kienet taghmel referenza cara ghal Donnalucata u ghat-12 ta' Settembru, 2000 u ghal Marina di Ragusa u s-17 ta' Dicembru, 2000. Fi kliem iehor, l-ordni ta' kustodja ghall-fini tat-treggigh lura, anke kif konfermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma jaghmel ebda referenza ghaz-zewg dati f'Novembru tas-sena 2000, cioe` ghat-dati msemmija fl-Awtorita` ghal-Procediment Agguntiva. Konsegwentement, l-ordni li talvolta jista' johrog il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja skond l-Artikolu 21 tal-Kap. 276 irid ikun jirrifletti, ghal dak li huma postijiet u dati, l-Awtorita` ghal Procediment (u l-skeda annessa mieghu) tal-20 ta' April, 2001, u dan peress li d-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti, kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kienet taghmel referenza ghal postijiet u dati specifici. F'dan is-sens, ghalhekk, ma jistax jinghad li bis-semplici fatt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ammettiet din it-tieni Awtorita` ghal Procediment, ir-rikorrenti ma kellhiex, tenut kont ta' l-ezitu ta' l-appell u ta' dak li jinghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, smigh xieraq. Ghalhekk dana l-ilment qed jigi respint.

9. L-ilment kontenut fil-paragrafu bin-numru 2 hu, bazikemant, fis-sens li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, biex waslet ghall-konkluzzjoni li kien hemm provi li jissodisfaw il-vot tal-Artikolu 15(3)(a) tal-Kap. 276, hadet in konsiderazzjoni, u strahet fuq, "hearsay evidence". Issa, apparti li, kif diga nghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti m'ghandhiex isservi ta' "a court of third instance" biex ghat-tielet darba – cioe` wara l-Qorti Rimandanti u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali – terga' tezamina u taghmel apprezzament tal-provi, minn qari tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa car li dik il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll it-traskrizzjonijiet telefonici li ghalihom kien qed jirreferi l-Ispettur Giuseppe Magnani meta dana xehed (fil-kawza kontra Gauci u Bartolo). Ma huwiex il-kaz, ghalhekk, kif donna qed tippretendi r-rikorrenti, li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali strahet esklussivament fuq il-"hearsay evidence" ta' dana l-ispettur (jekk tali xiehda tieghu kienet "hearsay", haga li kellha tigi determinata minn dik il-Qorti, u li hi kwistjoni li fiha din il-Qorti mhix ser tidhol). In fatti, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, meta kienet qed tikkonsidra l-aggravju dwar it-traskrizzjonijiet tal-konversazzjonijiet telefonici u l-"awtentikazzjoni" taghhom, qalet hekk: **"Mill-korp tad-decizjoni appellata tal-Qorti Rimandanti jidher li dan il-punt[5] tqajjem ukoll quddiemha mid-difiza. Jirrizulta li dik il-Qorti kkunsidrat dan il-punt izda ddecidiet ghall-kuntrarju ta' dak li qed tghid l-appellanti (fol. 83). Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dik il-Qorti, taghnel taghha r-ragunament u l-konkluzzjonijiet ta' dik il-Qorti, u ghalhekk m'ghandhiex aktar xi tghid dwar dan il-punt. Barra minn hekk, din hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi w din il-Qorti ma ssib ebda**

[5] Dwar il-valur probatorju tat-traskrizzjonijiet ta' konversazzjonijiet telefonici – ara r-raba' aggravju fir-rikors ta' appell ta' Fatiha Khallouf.

**raguni jew motiv ghaliex ghandha tiddisturba dak li ghamlet il-Qorti Rimandanti f'dan ir-rigward."** Il-bran a fol. 83 tas-sentenza tal-Qorti Rimandanti kien jghid hekk: **"Illi mill-provi ezibiti in atti din il-qorti tara li l-provi li jikkonsistu essenzjalment f'traskrizzjonijiet ta' telefonati intercettati bl-awtorizzazzjoni ta' Pubblico Ministero u l-Imhallef jindikaw *prima facie* il-probabbilta` ta' htija."** Ghall-motivi premessi din il-Qorti ma tirravviza ebda nuqqas ta' smigh xieraq, la mill-Qorti Rimandanti u anqas mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif qed tippretendi r-rikorrenti permezz tat-tieni ilment taghha; u konsegwentement tirrespingi l-istess ilment bhala infondat.

10. L-ilment fil-paragrafu numru 4 jirreferi ghal dak li r-rikorrenti tikkontendi li ser jigri una volta li tintbaghat lura lejn l-Italja (kemm-il darba, naturalment, il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jiddeciedi li hekk jibghatha lura). Hi taghmel referenza ghall-*Ordinanza di Custodia Cautelare in Carcere e di Arresti Domiciliari* (fol. 210), fejn a fol. 216 (ara t-traduzzjoni bl-Ingliz, fol. 366) jinghad, f'din l-Ordinanza: **"fa divieto a tutti gli indagati di conferire con il o i difensori sino all'espletamento dell'interrogatorio detto"** – ir-referenza hi, presumibbilment, ghall-interrogatorju mill-"Giudice per le Indagini Preliminari", maghruf fl-Italja bhala "G.I.P." Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, id-difensur tar-rikorrenti ghamel referenza ghal dak li jinghad f'pagna 256 tal-ktieb ta' Harris, O'Boyle u Warbrick (dwar l-Arikolu <u>6(3)(c)</u> tal-Konvenzjoni Ewropea), filwaqt li ghall-intimati l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Lawrence Quintano ghamel referenza ghal brani mill-ktieb ta' van Dijk u van Hoof. Issa, apparti li <u>jidher</u> li fl-Italja ir-regola hi li qabel jew waqt l-interrogatorju mill-GIP il-persuna indagata ghandha dritt li tikkomunika ma' avukat u li huwa biss f'certi kazijiet fejn jista' jkun hemm riskju ta' intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li tali dritt jista' jigi pospost ossia differit – dan qed jinghad unikament a bazi ta' dak li hemm f'parti ohra tal-imsemmija Ordinanza (fol. 215) fejn jinghad **"…considerata l'opportunita` di differire il colloquio degli indagati con i difensori sino all'inetrrogatorio per art. 294 cpp. in relazione alla gravita` e molteplicita` dei fatti contestati e al numero degli indagati oltre che alle cautele dagli stessi adoperate nel corso delle intercettate conversazioni. Ne discende il forte rischio che siano preordinate e svolte comuni tesi difensive di comodo (Cass. 27.9.93 n. 2378, CED 195086)…"** – din il-Qorti ser tirrespingi dana l-ilment ghal zewg ragunijiet. L-ewwel nett dana l-ilment tar-rikorrenti jirrikjedi li ssir indagini dwar id-dritt ta' procedura penali Taljan. Ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel tali indagini *ex officio*, izda kien jispetta lir-rikorrenti li taghmel hi l-prova dwar il-ligi barranija li hija kienet qed tinvoka bhala leziva ta' xi dritt fondamentali taghha fl-eventwalita` li l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jordna li tintbaghat lura lejn l-Italja. Tali prova tal-ligi barranija r-rkorrenti ma ghamlithiex. A bazi tas-semplici Ordinanza li r-rikorrenti qed taghmel referenza ghaliha, din il-Qorti ma tistax tghid, anqas fuq bazi ta' probabbilita`, li xi dritt fondamentali tar-rikorrenti ser jigi lez jekk kemm-il

darba titregga' lura lejn l-Italja. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti fit-tieni talba taghha fir-rikors promotur qed tallega li, fl-eventwalita` tat-treggigh lura taghha lejn l-Italja, mhix ser tinghata smigh xieraq (fl-Italja) in vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Hi, ghalhekk, mhix tinvoka l-Artikolu 6(3)(c) tal-imsemmija Konvenzjoni. Kif inghad aktar 'l fuq, biex wiehed jista' jghid li ma kienx hemm "smigh xieraq" bi ksur tal-Artikolu 6(1) wiehed irid jezamina l-proceduri fit-totalita` taghhom, haga li certament ma tistax issir f'dana l-istadju minn din il-Qorti qabel ma anqas ghada ma waslet ir-rikorrenti fil-gurisdizzjoni tal-awtoritajiet gudizzjarji Taljani. Ghalhekk dana l-ilment qed jigi respint.

11. L-istess jista' jinghad kwantu ghall-ilment kontenut fil-paragrafu bin-numru 5. Apparti li anqas jirrizulta mill-liema rivista, gazzetta jew ktieb ittiehdu z-zewg fotokopji, Dok. FK1 (fol. 7 u 8 ta' l-atti ta' dana r-rikors), is-semplici fatt li jinkiteb artikolu li jaddossa xi responsabbilta` penali fuq persuna qabel ma din l-istess persuna tghaddi process ma jfissirx aprioristikament li dik il-persuna mhux ser tinghata smigh xieraq. Altrimenti jkun facli hafna ghal min ikun suspettat jew indagat li jeskogita xi mod kif jinkiteb artikolu negattiv fuqu b'mod li jkun jista` jwaqqaf kwalsiasi proceduri gudizzjarji fuq il-pretest li mhux ser jinghata smigh xieraq[6]. Fil-kaz in dizamina r-rikorrenti ma gabet ebda prova li tista' twassal lil din il-Qorti biex anke remotament tikkonsidra l-possibilita` ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fuq il-bazi ta' "prejudicial pre-trial publicity" jekk l-istess rikorrenti titregga' lura lejn l-Italja.

12. Fl-ahhar nett ir-rikorrenti tallega li jekk hija titregga' lura lejn l-Italja ser jigu lezi fl-konfront taghha d-drittijiet protetti bl-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan minhabba li hija ghandha tifel minuri u jkun hemm is-separazzjoni minn mieghu. Mid-deposizzjoni qasira taghha tas-17 ta' Ottubru, 2001 (ara fol. 20 u 21 tal-atti ta' din il-kawza) jirrizulta li dan il-minuri huwa tifel ta' ftit aktar minn tlett snin. Fl-periodu li hija kienet il-Habs ta' Kordin fil-pendenza ta' dawn il-proceduri, dana t-tifel ghal bidu beda jiehu hsiebu missieru (li huwa Plestinjan, Mohammed Ahmed), u wara tpogga' f'istitut tas-sorijiet. Mid-deposizzjoni ta' l-istess rikorrenti ma jirrizulta xejn li jindika li, una volta fl-Italja (dejjem jekk il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jibghata lejn dak il-pajjiz) hi mhux ser ikollha l-possibilita` li jkollha maghha lil binha minuri, jew li mhux ser ikollha l-possibilita` li tarah b'istess frekwenza li qed tarah fil-Habs ta' Kordin. Mistoqsija mill-avukat taghha kemm kienet ilha ma jkollha kuntatt ma' binha, ir-rikorrenti wiegbet "Kemm ili l-habs. Fuq xaharejn u nofs" (fol. 20). Hi ma esprimiet ebda ilment li dana d-distakk waqt li qeghdha l-habs qed jikkagunalha xi "mental anguish" tali li jilhaq l-intensita` rikjesta biex wiehed jista' jibda jitkellem dwar trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni; u anqas ma hemm xejn x'jindika li tali "mental anguish" ser jirrikorri jekk hija titregga' lura lejn l-Italja. Frankament din il-Qorti tara li r-referenza ghal, u l-allegazzjoni li ser jinkiser, l-Artikolu 3

---

[6] Ara, fil-kuntest ta' "prejudicial pre-trial publicity" is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-14 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Vella u Christopher Schembri***.

tal-Konvenzjoni Ewropea huma, fil-kuntest tal-kaz u tal-provi (jew nuqqas ta' provi), altament fieragh. Kwantu ghall-Artikolu 8, it-treggigh lura tar-rikorrenti lejn l-Italja certament ser igib interferenza fil-hajja tal-familja taghha; pero` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 8 jippermetti tali interferenza purche` li jkunu jikkonkorru tlett kundizzjonijiet: (i) li tali interferenza tkun skond il-ligi, (ii) li tkun mehtiega f'socjeta` demokratika, u (iii) li tkun mehtiega biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti. Fil-kaz in dizamina, dawn it-tlett kundizzjonijiet jirrizultaw sodisfatti. F'dan il-kuntest huwa interessanti l-kumment ta' van Dijk u van Hoof (f'pagna 537 tal-ktieb aktar 'l fuq imsemmi): **"Within the concept of the 'necessary in a democratic society' test the court relies heavily upon the principle of 'proportionality'. This enables the Court to balance all the relevant interests and factual circumstances, and also to take into account the intensity of the infringement as well as the question whether the essence of the right invoked has been infringed. The scale the Court utilises seems to imply that the more far-reaching the infringement or the more essential the aspect of the right that has been interfered with, the more substantial or compelling the legitimate aims pursued must be."** F'certu sens, dana l-element ta' proporzjonalita` jinsab ukoll inkorporat fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artkolu 20 tal-Kap. 276. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-gravita` tar-reati li dwarhom qed tintalab l-estradizzjoni mir-Repubblika ta' l-Italja kif ukoll il-fatt li kull estradizzjoni – bhal, del resto, kull sentenza ta' prigunerija wara li jkun hemm kundanna, jew anke l-arrest preventiv – necessarjament iggib interferenza mal-hajja tal-familja ta' dak li jkun, ma tara li hemm ebda element ta' sproporzjonalita` bejn il-ghan li jrid jintlahaq u l-interfereza mal-hajja tal-familja tar-rikorrenti. Ghalhekk dana l-ilment qed jigi wkoll respint.

13. Din il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 20 tal-Kap. 276, u ma tara li jirrikorru ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta' dak l-Artikolu, u ghalhekk ma hux il-kaz li din il-Qorti tordna li r-rikorrenti tigi mehlusa mill-kustodja fit-termini tal-imsemmi Artikolu.

Ghall-motivi premessi, **tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha**. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mir-Registratur lill-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja.

(ft) Vincent Degaetano
Imhallef

(ft) Paul Miruzzi
Dep. Registratur